MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Talba Numru. 339/2007

**In-Nutar Vanessa Pool**
**vs**

**Albert Caruana (ID 876844 M) u Margaret Caruana (ID 169747 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet hlas ta’ elf, sitt mija u tlieta u sittin ewro u erba` u sittin centezmu (€1663.64) gja` Lm714.20 rapprezentanti spejjez ta’ ricerki notarili maghmula fuq rikjesta tal-konvenuti. Illi l-konvenuti inkarigaw lil attrici sabiex taghmlilhom ricerki u sabiex jippruvaw it-titolu taghhom fuq hanut il-Gzira.

Illi dan sar peress illi kien ser isir kuntratt ta’ kera lil terzi ta’ dan il-hanut tal-konvenuti u kien hemm bzonn li tipprezenta prova tat-titolu.

Illi l-attrici kienet qed tassisti lill-konvenuta fuq it-talba ta' Dr Alan Xuereb, qarib tal-konvenuti u hadet l-inkarigu tar-ricerki minghand il-konvenuti fl-inkontru ma` n-Nutar Malcolm Licari li kien ser jippubblika l-kirja. Illi l-inkarigu kien biex isiru ricerki ta' Carmelo Bajada, l-aventi causa tal-konvenuti. Il-konvenuta talbithom urgentement biex tfittex tikri. Illi dawn ir-ricerki fl-ammont tat-talba saru u meta l-konvenuti mitluba jhallsu baqghu inadempjenti anke meta msejjha sabiex ihallsu bl-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju, 2006.

Ghalhekk qed isir din it-talba bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn gie eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti qatt ma nkarigaw lill-attrici sabiex taghmel xi ricerki kif allegat fl-avviz promotur.

Illi l-attrici qatt ma giet ingaggata sabiex taghmel xi ricerki u hija giet pjenament imhallsa a saldu tal-assistenza kollha li hija rrendiet lill-konvenuti.

Salv ecezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda u ra l-affidavit tan-Nutar Vanessa Pool, Nutar Malcolm Licari, Dr Alan Xuereb, Margaret Caruana u Alberto Caruana.

**IKKUNSIDRA**

Illi din il-kawza titratta dwar rizarciment ghall-ispejjez mahruga mill-attrici ghar- ricerki maghmula mill-attrici fuq allegat inkarigu tal-konvenuti.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-partijiet flimkien ma` xi nies ohra kienu ltaqghu quddiem in-Nutar Malcolm Licari sabiex isir kuntratt ta' kirja fuq proprjeta` l-Gzira izda sabiex il-kuntratt jigi ppubblikat kellu bzonn aktar evidenza dwar

prova ta’ titlu tramite ricerki li gie mifhum bejn kulhadd li wara dik il-laqgha kellha taghmilhom l-attrici.

Jrrizulta mill-provi illi ghal dak il-kuntratt l-konvenuta Margaret Caruana kienet assistita mill-Avukat Alan Xuereb u l-attrici. Illi dak inhar tal-kuntratt quddiem in-Nutar Licari, il-kuntratt ma setghax jigi ppubblikat minhabba nuqqas ta’ informazzjoni relattata ma` l-kuntratt u kien hemm bzonn ta’ ricerki ulterjuri minn naha tal-konvenuta Caruana. Illi fix-xhieda ta’ Dr. Alan Xuereb huwa spjega kif huwa kellu l-mandat tal-konvenuta sabiex jitlob lill-attrici sabiex taghmel ir-ricerki u ikkonferma li l-konvenuta kienet taf illi ma kienx hemm triq ohra sabiex jigi pubblikat il-kuntratt ghajr illi jsiru dawn ir-ricerki. Qal ukoll illi dak iz-zmien huwa kellu kuntatt kontinwu mal-konvenuti dwar dan il-kuntratt.

Mix-xhieda tal-konvenuta jirrizulta illi l-attrici kienet akkumpanjat lill-konvenuti quddiem n-Nutar Licari. Irrizulta illi kienu jonqsu jaghmlu xi ricerki u li awtorizzat lill-attrici sabiex taghmilhom izda qalet ukoll illi kienet qaltilha illi hija ma kienetx disposta thallas iktar minn €233 ghal dawk ir-ricerki. Il-konvenuta xehdet ukoll illi hija qatt ma tat mandat lill-attrici sabiex taghmel ir-ricerki u insistiet illi hija qatt ma ordnat ir-ricerki liema spejjez huma mitluba f’din il-kawza.

Alberto Caruana, iben il-konvenuta ikkonferma dak kollu li ntqal minn ommu Margaret Caruana fix-xhieda taghha u zied illi huwa kien prezenti ghall-laqgha dwar il-kuntratt quddiem in-Nutar Licari. Huwa spjega illi wara dik il-laqgha quddiem in-Nutar Licari, ommu kienet wessiet lill-attrici illi jekk kien hemm xi spejjez kbar gahr-ricerki mehtiega hija ma kienetx f’posizzjoni li thallashom.

Fix-xhieda ta` l-attrici hija spjegat illi hija kienet inkarigata mill-konvenuta kif ukoll mill-Avukat Alan Xuereb wara li kien ikkonsulta maghha illi kellha taghmel ricerki dwar titlu ta’ hanut fil-Gzira u dan wara li kienu ltaqghu quddiem in-Nutar Malcolm Licari w in-Nutar ma setghax jimxi ghaliex l-konvenuta ma kienetx gabet kuntratt t’ akkwist maghha. Illi l-attrici kellha l-mandat sabiex taghmel ir-ricerki dwar

titlu u hallsithom hija u wara l-konvenuta rrifjutat thallasha taghhom ghaliex qalet li gew gholjin. L-attrici indikat lit-Tribunal illi hija ppruvat timinimizza l-ispejjez ghall-konvenuta billi ppruvat iggib prova ta` l-akkwist minn terzi kif ukoll kienet saqsiet lill-konevnuta sabiex tipprova tfittex certi dokumenti minn naha taghha izda l-konvenuta ma rnexxielhiex u kienet qaltilha sabiex tordnahom hija stess.

Wara li sema' l-provi u ra d-dokumenti pprezentati in atti it-Tribunal ihoss illi l-verzjoni tal-konvenuta Caruana ghandha certi inkonsistenzi. Illi fil-waqt illi hija tghid illi hija qatt ma tat mandat lill-attrici sabiex tordna r-ricerki fl-istess hin hija spjegat illi kienet qaltilha illi ma riedetx thallas iktar minn Lm100 u cioe' €233 ta` llum ghar-ricerki li kellha taghmel.

It-Tribunal huwa konvint illi l-attrici kellha l-mandat sabiex taghmel ir-ricerki ta' Carmelo Bajjada. Illi huwa tal-fehma illi l-attrici qatt ma setghet tkun f'posizzjoni illi tinforma lill-konvenuta dwar l-ispejjez tar-registru Pubbliku sa minn qabel li jigu ordnati tali ricerki. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi sabiex timinimizza l-ispejjez ghall-konvenuta, l-attrici ppruvat tottjeni dawn ir-ricerki b'mezzi ohra izda ma rnexxilhiex u sabiex il-kuntratt jitwettaq hija ma kelliex triq ohra ghajr illi tordnahom kif fil-fatt ghamlet. It-Tribunal ha nota tal-fatt illi l-attrici talbet biss rizarciment ta' spejjez mahruga minnha u ma kienetx talbet ebda dritt professjonali ghax-xoghol li kienet wettqet fil-konfront tal-konvenuta Margaret Caruana.

Illi wara li sema` w evalwa l-provi, t-Tribunal huwa tal-fehma lli l-attrici ppruvat il-kaz taghha u huwa konvint illi l-konvenuti nkarigaw lill-attrici sabiex taghmel ir-ricerki ta' Carmelo Bajada.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici fis-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u sittin ewro u erba` u sittin ewro centezmi (€1663.64), bl-ispejjez kif mitluba u imghaxijiet mit-2 ta' Novembru, 2005 sal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konevenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------